TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 47/19/F

**Jonathan Pace**

**vs**

**Europharma Ltd**

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 t'April, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240), rappreżentanti l-prezz ta' batterija tal-wheelchair li wara ftit żmien bdiet tiżviluppa problemi u ma kinitx efficenti.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara wheelchair b'*battery operated* u wara ftit xhur din il-batterija ma bdietx tagħti l-output kollu li kienet tagħti fil-bidu. Minkejja li l-intimat prova jsewwi jew ibiddel skont hu, wara ftit il-problema reġgħet feġġet.

It-Tribunal, jinnota li jekk verament il-batteries jispiċċaw wara xi sitt xhur, dan imissu avża lir-rikorrenti qabel ma jixtri l-prodott biex ikun jaf x'inhi l-lifespan tal-batterija tal-wheelchair, speċjalment meta bniedem ikun diżabbli u jiddependi minn wheelchair.

Għaldaqstant, it-Tribunal mhux konvint li biddlu l-batterija, għalkemm għamlu minn kollox sabiex jippruvaw jaqduh.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u għoxrin Ewro (€120), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888